**Laqgħa Numru 8**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**20 ta' Jannar 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.10 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

**8.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

8.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

8.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 7 li saret nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019 kienu ġew ċċirkolati b'imejl minn qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

8.2.2 Is-Sindku kien ippropona li tinbidel l-ordni tal-laqgħa biex Punt 8.6 fuq l-Agenda jiġi diskuss qabel Punt 8.5. Il-membri qablu ma' dan

**8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.3.1 **Knis u Żamma tat-Toroq** Is-Sindku rrefera għall-istat ħażin li fih qed jinżammu t-toroq fir-raħal. Is-Sindku wera anke ritratti ta' toroq fejn mhux qed jinżammu kif suppost. Is-Sindku stqarr li kemm hu personali u anke l-istaff tal-Kunsill kien qed jiġbed l-attenzjoni kontinwament lill-erba' kuntratturi li suppost qed jieħdu ħsieb it-toroq. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandha tintbagħat ittra minnufih fejn jingħata ċans xahar biex dawn jieħdu ħsieb li t-toroq jibdew jinżammu kif suppost. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li jekk is-sitwazzjoni tibqa' l-istess m'hemmx triq oħra ħlief li jinżammu l-pagamenti.

8.3.2 **Manitenzjoni fuq il-Bandli ta' Ġokk u tal-Barmil** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kien intaqa' mal-Perit Mario Cordina biex ikun jista' jibda minnufih jipprepara l-BOQs fuq it-tapiti tal-bandli ta' Ġokk u tal-Barmil. Il-manitenzjoni f'dawn il-bandli kellha ssir gradwalment biex b'hekk jiġu mplimentati s-suġġerimenti kollha mir-rapport li kien ġie mħejji r mill-MCCAA .

8.3.4 **Double Yellow Lines u Parking Loading u Unloading** Is-Sindku rreferra għad-double yellow line fil-pjazza fejn il-Kunsill ġie nfurmat minn Transport Malta li kien qed jistenna mill-Perit li ħa ħsieb il-proġett tal-Pjazza. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit tal-pjazza kien ħaseb għal-loading/unloading parking space waħda biss. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew kemm fil-verita' kienet tagħmel sens loading/unloading parking space waħda meta għandek ħwienet mad-dawra tal-pjazza kollha.

8.3.5 **Culvert fi Triq Mġarr Ix-Xini** Is-Sindku poġġa fuq il-mejda l-istima tal-culvert u resurfacing fi Triq Mgarr Ix-Xini mħejjiha mill-Perit Mario Cordina. L-istima hi waħda sostonzjarja fejn tammonta għall-€130,000. Il-Kunsill iddiskutta li l-Kunsill f'dan l-istadju ma jistax jidħol għal din l-ispiża hekk kif ma jkunx għaqli li jsir il-culvert u ma jsirx ir-resurfaing. Din l-istima għandha tinżamm u naraw il-possibilta' li ssir mill-gvern ċentrali.

8.3.6 **Nuqqas ta' dawl fi Triq Il-Ħamrija** Is-Sindku rreferra għar-rapport imħejji mill-GaleaCurmi Engineering għan-nuqqas ta' dawl fi Triq Il-Ħamrija. L-ispiża hi waħda

sostonzjarja fejn tlaħħaq 'il fuq minn €100,000. Is-Sindku ssostna li wara kollox din hi triq arterja u l-Kunsill għandu jidħol biss biex jiżdidedu bozoz fejn verament hemm bżonn. Il-memrbi preżenti qablu ma' dan .

8.3.7 **Cat Cafe** Il-membri tal-Kunsill iddiskutta l-possibilta' li jsir Cat Cafe wara li ntbagħtet imejl bl-iskema miftuħa mill-Ministeru għall-Għawdex li tagħlaq fil-31 ta' Jannar 2020. Is-Sindku rrimarka li wieħed għandu joqgħod attent mir-residenti għax dawn jafu joġġezzjonaw. Il-Viċi Sindku sostna li dawn il-Cat Cafes jġib il-ħmieġ. Il-membri tal-Kunsill iddiksuttew possibilita' li dan il-Cat Cafe isir fejn kien hemm l-Exchange Bureau kif issuġġerriet il-Kunsilliera Jeanelle Attard b'imejl. Il-membri ddiskuttew li din l-art taqa' taħt ir-responsabilita tal-Malta Industrial Parks u ma tappartjenix lill-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li għandna napplikkaw għall-Cat Cafe. Saret ukoll diskussjoni fuq il-fatt li din l-art mitluqa qed tkun post fejn qed jinġabar l-iskart. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandha tintbagħat imejl lil MIP biex jieħdu ħsibe inaddfu din l-art mitluqa.

8.3.8 **Belvedere tal-Barmil** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kien talab lill-Ministeru t'Għawdex biex talloka ħaddiema biex jinbena l-ħajt ta' dan il-belvedere u suppost li kellhom ikomplu dan il-ħajt fil-ġimgħat li ġejjin.

8.3.9 **Triq Il-Knisja** Is-Sindku kkomunika li kienet għadha kif saret laqgħa mal-kuntrattur u perit fuq Triq Il-Knisja. Waqt li l-kuntrattur kien lest li jagħti *top code* fuq il-parti ta' fuq tat-triq, is-Sindku kien qed joġġezzjona peress li ma jixtieqx li ssir ħsara fuq il-pjazza. Il-Kuntrattur kien lest li jagħmel tajjbe b'garanzija. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li jkun għaqli li jekk il-kuntrattur jaħseb li l-asfalt joqgħod maż-żmien ma nidħlux f'riskju li ssir ħsara lill-pjazza.

8.3.10 **Triq bla isem f'Ta' Ġokk** Is-Sindku rreferra għall-talba biex tissemma triq li tinsab ħdejn Triq is-27 ta' Novembru fiż-żona ta' Ġokk. Is-Sindku ppropona li t-triq għandha tissemma għal Żakkarija Cilia bħala l-ewwel preferenza u Toni Vella bħala t-tieni preferenza. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

### 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.4.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni dwar bankina fi Triq Il-Kbira fejn il-kurduna m'hiex imkaħħla u qed jitla' l-ħaxix. Is-Segretarju ħadet nota biex isir manitenzjoni fuq din il-bankina minnufih. Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab ukoll biex bankina fi Triq L-Għarus isir għax kien ilu li rraportaha. Is-Segretarju rreferriet li fuq din il-bankina kienet bagħtet lill-ħaddiema allokati mal-Kunsill u kienet iddaħlitħa fis-sistema tal-Gozo LC peress li kellha bżonn tinqala' kollha.

8.4.2 Il-Kunsillier Johnny Vella talab li tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur responsabli mill-BIS biex meta jbattal il-BIS jieħu ħsieb li jinġabar l-iskart kollhu mhux iħalli minnu. Il-Kunsill iddiskutta jekk dawn il-BIS jixirqux fejn il-playing field jew le.

8.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk kinitx ħarġet it-tender għall-equipment tal-bandli tal-Ħamrija. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu intbagħtu diversi imejls lill-Perit biex jieħu ħsieb jipprepara d-dokumenti neċessarji biex tkun tista' toħroġ is-sejħa

għall-offerta. Fl-aħħar imejl, il-Perit wieġeb li kellhu jibgħat l-istima sal-lum imma sfortunatament kien għadu ma bagħat xejn.

8.4.4 Il-Viċi Sindku rreferra għall-ordni biex jinxtraw il-bankijiet fejn is-*supplier* kien wiegħed li se jaslu sa Diċembru 2019 u issa qed jgħid li se jaslu fi Frar. Is-segretarju ċemplet lis-*supplier* fejn informatu li jekk ma ġiex rispett it-terminu kienet ser tħassar l-ordni. Il-membri tal-Kunsill għażlu stil ta' bank mill-katalog li kien għadu kemm wasal il-Kunsill. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tiġbor il-kwotazzjonijiet għal dan l-istil ta' bank. Kellhom jiġu ordnati bankijiet għall-Belvedere tal-Barmil u għall-pjazetta ta' quddiem il-Kunsill.

8.4.5 Il-Kunsillier Johnny Vella semma' l-problema ta' karozzi pparkjati ħażin fejn l-iskola. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li intbagħtu diversi imejls mill-Kunsill lill-pulizija biex jieħdu ħsieb jibagħtu pulizija f'din it-triq arterja waqt il-ħinijiet tal-VPA School.

8.4.6 Il-Kunsillier Johnny Vella staqsa rigward l-istadju tat-tender tal-CCTVs fil-playingfield tal-Barmil. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li din it-tender kienet ħarġet u kienet tagħlaq il-Ġimgħa 31 ta' Jannar 2020. Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li għandhom isiru *cameras* fil-pjazza wara l-investiment kbir li sar fl-inovazzjoni tal-pjazza. Il-membri preżenti qablu ma' din il-proposta waqt li s-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tkellem lill-Inġinier.

8.4.7 Is-Segretarju rreferriet għat-talba mill-Kap tal-iskola li rċeviet u li għaddiet lill-membri tal-Kusnill għall-kollobarazzjoni biex jinxtraw '*juicer', 'Kenwood'* u *'sound system'*. Il-membri tal-Kunsill preżenti iddiskuttew u ma qablux li tingħata din il-koloborazzjoni. Saret diskussjoni li l-Kunsill qed ikun ta' spalla kontinwament mal-iskola.

## 8.6 Traffic Management- Triq L-Indipendenza

8.6.1 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa ma' Transport Malta fejn kien hemm preżenti l-Perit Antoinette Conti, is-Sur Rueben Said, is-Sur Jean Paul Cefa minn naħa ta' Transport Malta. Dawn kienu ssuġġerew li tiġi *one-way* il-parti t'isfel tat-triq fejn it-traffiku jiġi ddiferrit lejn Triq Il-Ħamrija. Il-membri kollha tal-Kunsill ma qablux ma dan is-suġġeriment hekk kif it-triq hi waħda dejqa u ma tiflaħx għal daqshekk influs ta' traffiku. Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi ssostna li l-Kunsill għandu dritt jmexxi fuq il-*one way* kif jaħseb li hu l-aħjar u dan wara li kien kellem lis-Sur Said personalment hu.

8.6.2 Il-Kunsill qabel li jekk tiġi *one way* it-triq id-direzzjoni għandha tkun li t-traffiku jidħol minn fejn il-Mitħna lejn il-pjazza. Il-membri tal-Kunsill qablu li jekk isir one way din għandha ssir bi prova. Is-Sindku pppropona li din għandha ssir qrib il-festa. Jekk ser isir bi prova m'hemmx għalfejn li jinġabru l-approvazzjoni mill-ħwienet fit-triq.

8.6.3 Is-Sindku ssuġġerriexxa li għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni biex nara x'irridu r-residenti. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandha tintbagħat ittra b'formola magħha fejn ir-residenti affetwati minn dan it-*traffic management* għandhom jagħżlu jekk jaqblux jew le.

8.6.4 Is-Sindku oppona li jintefa' t-traffiku kolhu fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerriexxa li f'dan l-istadju għandu jintefa' l-parking fuq naħa waħda biss u t-triq

tibqa' kif inhi. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet il-problema li tinħoloq biex joħorġu mill-garaxxijhiet jekk il-parkeġġ jiġi fuq naħa waħda ta' triq.

8.6.5 Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li riq Santa Katerina tibqa' *one way* kif inhi u l-possibilta' li Triq L-Indipendenza ssir *one-way* tiġi ppruvata fi żmien il-festa.

*5.00pm Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġiet skużata mil-laqgħa.*

## 8.5 Rapport Finanzjarji

8.5.1 **Pjan ta' Ħidma (għall-5 snin li ġejjin)** L-*accountant* daħal fil-kamra u spjega li dan ir-rapport ġie ppreparat fuq l-allokazzjoni għas-sena 2020. Hu elenka li jkun tajjeb jekk il-Kunsill jaħseb u jiddiskutti xi proġetti għandu f'moħħu biex b'hekk il-Pjan ta' Ħidma jkun jista' jsir aħjar. Safrattant hu ġibed l-attenzjoni li din l-allokazzjoni ma tkoprix proġetti għax tinkludi biss id-*daily running expenditure* tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku talab li l-*accountant* li dan il-business plan jinkludi allokazzjoni għal kull dekasteru. Dan anke wara li l-Kunsilliera Jeanelle Attard kienet bagħtet imejl fejn talbet lill-*accountant* jagħmel dan. Il-Kunsill iddiskutta din il-materja u kien deċiż li s-Segretarju kellha minnufih tibgħat imejl lid-Direttur b'klarifikazzjoni jekk il-Kunsill jistax jallokka parti mill-allokazzjoni għal kull dekasteru. Għaldaqstant il-business plan ma ġiex approvat.

8.5.2 **Budget għas-sena 2020** L-*accountant* ippreżenta l-budget għas-sena 2020. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-kjarifika tad-Direttur jekk hux possibli li tingħata allokazzjoni għad-dekasteri qabel ma japprova dan il-*budget.*

8.5.3 **Rapport ta' kull kwart** L-*accountant* ippreżenta r-rapport ta' kull kwart għat-tielet kwart minn Ġunju sa Settembru 2019, u l-aħħar kwart minn Ottubru sa Diċembru 2019. Dawn ir-rapporti ġew approvati.

## 8.7 Karnival 2020

8.7.1 Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill kien ġabar stima mingħand il-preżentaturi Danusan imma din kienet wisq għolja. Is-Sindku ssuġġerriexxa lill-preżentatur Joe Tanti. Il-memrbi tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

8.7.2 Il-membri tal-Kunsill qablu li għandha ssir il-prinjolata li għandha tinqasam fl-aħħar tal-programm. Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li l-kumpaniji taż-żfin jingħataw ħin u ninfurmahom minn qabel li jekk il-ħin ma jiġix irrispetat dan il-ħin, iż-żifna tagħhom tinqabeż u ma jieħdux ħlas.

8.7.3 Rigward kompetizzjonijiet ta' kostumi saret diskussjoni li fi snin l-imgħoddija ma kienx hemm rispons tajjeb għal din il-kompetizzjoni. Kie deċiż li l-kompetizzjoni tiġi eliminata imma xorta jingħata tifkira lit-tfal li li jilbsu kostum.

## 8.8 Performance Appraisals: Segretjarju Eżekuttiv u l-Impjegati Klerikali għas-sena 2019

8.8.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Performance Bonus Appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiem klerikali. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-*Performance Bonus* tas-Segretaju Eżekuttiv Marion Attard għandu jkun 10% waqt li l-*Performance Bonus* tal-Assistent Prinċipal għandu jkun 6%.

## 8.9 Korrispondenza u Ilmenti

8.9.1 Imejl mingħand is-Sa Cynthia Saliba b'suġġeriment biex isiru '*basketball courts*' fil-lokalita. Il-Kunsill innota l-kontenut u ġie deċiż li nkellmu lis-Sa Saliba dwar il-possibilita' li jintuża l-court tal-iskola dejjem bi ftehim mal-iskola.

8.9.2 Imejl mingħand is-Sa Heidi Grech, mill-Animal Welfare, dwar il-proġett Cat Cafe' mniedi mill-Ministeru Għal Għawdex. Hija talbet lill-Kunsill Lokali biex jidentifika post adekwat fejn jista jitwettaq dan il-proġett fil-lokalita. Il-materja ġiet diskussa.

8.9.3 Imejl mingħand Green House fejn talbu l-permess tal-kunsill lokali biex jiżbgħu ħajt fil-lokalita' biex ikunu jistgħu iwasslu l-messaġġ dwar speċi Maltin tal-flora u fawna. Huma jridu jagħtu aktar għarfien lill-pubbliku dwar diversi ta' speċi li qiegħdin f'riskju. Il-Kunsill qabel li nara mal-Kap tal-Iskola dwar din it-talba

8.9.4 Ċirkulari numru 23/2019 – Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli Lokali 2020. Il-Kunsill inota l-kontenut.

8.9.5 Appell mit-Tribunal ta' reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għal żvilupp propost fl-art Ta' Majmuna, Triq Sannat, Xewkija. Is-Segretarju spjegat li l-PA kienet irrifjutat li tati l-permess għal dan l-iżvilupp.

8.9.6 Imejl mingħand is-Sur George Mizzi dwar l-iffilmjar ta' Ġrajjiet Gaudos. Huwa talab għal xi extras, refreshments u reserved parking waqt l-iffilmjar.

8.9.7 Ċirkulari AKL 2020/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2020. Il-Kunsilli Lokali huma mitluba biex iġeddu l-polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa għall-impjegati u membri tal-Kunsilli Lokali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020.

8.9.8 Ċirkulari AKL 2020/003 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali. Dawk il-Kunsilli Lokali li jixtiequ jkunu parti minn din il-polza għandhom jimlew ir-reġistrazzjoni bil-ħlas ta' sena jkun €65.

8.9.9 Ċirkulari AKL 2020/002 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-'Earth Hour' 2020. L-AKL tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

8.9.10 Ċirkulari AKL 2020/004 – L-użu tal-Lingwa Maltija. Suġġeriment biex is-sinjali tat-traffiku jibdew ikunu bil-Malti.

8.9.11 Ittra mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar applikazzjoni fi Triq San Ġwann Battista.

8.9.12 Invit għall-attivita: Giuseppe Cali – Gozo Art Weekend. Din ser issir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2020 fil-Knisja l-qadima t'Għajnsielem.

8.9.13 Direttiva 01/2020 – Applowdjar tad-dokumenti statutorji fuq il-Websajt.

8.9.14 Talba mill-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ix-Xewkija għall-attivita li qed jippjanaw nhar il-Ħadd 3 ta' Mejju 2020 fi Triq Widnet il-Baħar/Vjal il-Labour. L-attivita ser tkun Car Show.

8.9.15 Ċirkulari AKL 2020/005 – Informazzjoni dwar Polza tal-Assigurazzjoni – Personal Accident. Ir-Rata tal-polza hija €30 għal kull membru.

8.9.16 Invit għat-Tnedija tal-ktieb Gozo, A Portait Of An Island, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2020 ġewwa l-Librerija Pubblika tal-Vajrinġa.

8.9.17 Stedina għall-għaqdiet, NGO'S, Kunsilli Lokali etc biex minn ikun ser jorganizza xi attivita fi żmien l-Għid jista jibgħat l-informazzjoni biex l-attivita tkun reklamata fuq il-ktieb Easter in Gozo.

8.9.18 Ċirkulari 1/220 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2019.

8.9.19 Ċirkulari 2/2020 – Aċċess għad-Direttivi, Ċirkularijiet, Memos u Noti.

8.9.20 Imejl mis-Sur Chrismar Xuereb fejn talab biex grupp minn Ta' Sannat jipparteċipa fil-Karnival 2020 b'danza hilarious.

8.9.21 Imejl mill-Ass.Seg. Michael J. Cordina mis-Soċjeta' Filarmonika Leone biex jipparteċipaw fil-Karnival bil-karru King Carnival.

8.9.22 Imejl mill-Ass.Seg. Michael J. Cordina mis-Soċjeta' Filarmonika Leone biex jipparteċipaw fil-Karnival b'danza allegra kkumisjonata.

8.9.23 Imejl mingħand is-Sur Christian Sacco minn 3Rio Dance Company fejn talab biex jipparteċipaw fil-Karnival, bis-sehem ta' żewġ żifniet, 3Rio Dance Company u 3Rio Dance Company Juniors.

8.9.24 Imejl mingħand is-Sur Glenn Curmi, f'isem il-Munxar Carnival Creations, fejn talab biex jipparteċipaw fil-karnival bis-sehem ta' danza hilarious u żewġ settijiet ta' Maskli Grotteski. Huwa talab il-ħlas ta' €200 għal kull item, b'total ta' €600.

8.9.25 Imejl mingħand is-Sa Anette Portelli Said f'isem Team Netta biex jipparteċipaw fil-Karnival bis-sehem ta' żewġ danziet.

8.9.26 Imejl mingħand is-Sa Sarah Piscopo f'isem Għaqda Żgħażagħ Allegrużi Lawrenzjani biex jipparteċipaw fil-karnival b'danza hilarious.

8.9.27 Imejl mingħand is-Sur Jean Grima f'isem Labonski Carnival Company, biex jieħdu sehem fil-karnival biis-sehem ta' żifna u żewġ karrijiet.

8.9.28 Suġġeriment mingħand persuna anonima biex isiru dogbins fi Triq it-Tessuti. Il-membri qablu li għandhom isiru.

8.9.29 Talba mingħand il-librara biex jinxtraw kotba ġodda għal-librerija. Il-membri preżenti qablu li għandhom jinxtraw b'€1000 f'investiment f'kotba. Il-membri qablu ukoll li għandna nħallu f'idejn il-librara biex jekk ikun hemm xi ktieb ġdid li joħroġ matul is-sena li jkun qed jintalab min-nies dan għandu jinxtara ukoll.

**8.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

8.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

8.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.55pm. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Frar fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Frar 2020

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | _______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |